MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2011

Appell Kriminali Numru. 277/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Ernest Briffa**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra l-imsemmi Ernest Briffa talli fid-29 ta’ Mejju 2007 u fix-xhur ta’ qabel din id-data f’dawn il-Gżejjer kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-

licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta; liema droga nstabet f’tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu.

Il-Qorti ntalbet ukoll tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9 f’każ ta’ sejbien ta’ ħtija;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-11 ta’ Gunju 2010 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) tal-Kap 101 u r-regolament 9 tal-GN 292/1939, sabet lill-imsemmi Ernest Briffa ħati tal-imputazzjoni kif dedotta kontrih u kkundannatu għal piena ta’ ħdax-il xahar priġunerija u għall-ħlas ta’ multa ta’ €1000 liema multa tista’ titħallas bir-rata ta’ 100 euro kull erba’ ġimgħat bl-ewwel pagament isir fi żmien erba’ ġimgħat mid-data tas-sentenza appellata. Jekk ma jitħallasx xi pagament, il-bilanċ ikun dovut f’daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma titħallasx, din għandha tinbidel f’jum priġunerija għal kull 11.65 Ewros li ma jitħallsux. Ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9, il-Qorti kkundannat lill-istess Ernest Briffa jħallas lir-Reġistratur l-ispejjeż tal-esperti maħtura mill-Qorti li jammontaw għal (€284.33 + €240.78 + €143.13 = €668.24) liema pagament għandu jseħħ fi żmien xahar mid-data tas-sentenza apepllata. Jekk ma jitħallasx, dan jinbidel fi priġunerija skond il-liġi. Il-Qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga taħt il-ħarsien tar-Reġistratur;

Rat ir-rikors ta’ l-appell ta’ Ernest Briffa pprezentat fil-21 ta’ Gunju 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi:

(1) thassarha u tirrevokaha fejn sabitu hati ta’ l-imputazzjoni kif dedotta u cioe` ta’ pussess aggravat u

minflok issibu hati biss ta' pussess semplici, reat kompriz u nvolut fl-imputazzjoni kif dedotta, u konsegwentement tghaddi biex taghti dik il-piena jew sanzjoni li tkun tirrifletti din id-dikjarazzjoni;

(2) alternattivament, u minghajr pregudizzju, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, tirriforma l-parti tal- piena billi minflok tigi mposta piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz;

Rat ukoll ir-rikors ta' l-appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fit-28 ta' Gunju 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi:

(1) tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat Ernest Briffa hati skond l- imputazzjoni dedotta kontrih;

(2) thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn infliggiet piena ta' hdax il-xahar prigunerija u;

(3) minflok tinfliggi piena aktar idoneja skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti sejra l-ewwel tikkunsidra l-appell ta' Ernest Briffa. L-aggravji tieghu huma (1) li s-sejbien ta' htija tieghu mill-ewwel Qorti hija *"unsafe and unsatisfactory"*, u (2) li, minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, jimmerita temperament fil-piena.

Kwantu ghall-ewwel aggravju l-appellant jghid li mhuwiex jikkontesta l-pussess semplici izda l-pussess aggravat. Skond l-appellant l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti kien influwenzat mill-osservazzjoni li ghamlet fis-sentenza li "L-imputat ma wegibx diversi domandi". Dan huwa dritt tal-persuna interrogata, jinsisti l-appellant, u ebda inferenza ma tista' ssir minn tali nuqqas ta' risposta. Minn ezami li ghamlet din il-Qorti tas-sentenza

appellata, ma jirrizulta li ttiehdet l-ebda inferenza mill-fatt li l-appellant ma wegibx diversi domandi waqt l-istqarrija li ghamel lill-Pulizija. L-ewwel Qorti fil-fatt ibbazat il-konsiderazzjonijiet taghha fuq il-fatti rizultanti.

L-appellant imbaghad ikompli jghid li huwa ammetta mill-ewwel mal-Pulizija ghall-pussess tad-droga misjuba. Dwar il-provi l-ohra materjali li nstabu jikkummenta hekk:

“Riferibbilment ghall-imwiezen (wiehed minnhom ma kienx jiffunzjona), l-ewwel Onorabbli Qorti qalet li dawn kienu mohbija. Din hija konkluzjoni erroneja u ma hi riflessa imkien fil-provi migjuba. La darba dawn l-imwiezen ma kinux mohbija – u wisq aktar importanti l-fatt li fuqhom ma nstabu ebda tracci tas-sustanza – jindika li bhala prova tista’ tasal ghal zewg direzzjonijiet differenti, u cioe` li seta’ kien qed juzahom ghall-ikel jew seta’ kien qed juzahom sabiex jizen id-droga. La darba din il-prova, li suppost hija cirkostanzjali, qed tipponta lejn aktar minn direzzjoni wahda, din hija priva mill-valur probatorju bhala prova cirkostanzjali idoneja biex a bazi taghha tista’ tinstab il-htija. U jekk ghall-grazzja tal-argument biss, il-mizien li kien jiffunzjona kien jintuza sabiex jizen id-droga, jibqa’ l-fatt li tali cirkostanza terga’ tihdok potenzjalment lejn zewg ipotezijiet differenti u cioe`, wahda li kien jizen id-droga biex jara li effettivament kien xtara ekwivalenti ghal kemm kien hallas, jiew kien jizen id-droga sabiex ikun qed jikkontrolla kemm jikkonsma. Fid-dawl ta’ dawn il-kunsiderazzjonijiet bir-rispett l-esponent jirriafferma li s-sejba tal-imwiezen ma tistax titqies bhala prova cirkostanzjali idoneja skond il-ligi.

“Riferibbilment ghall-karti tal-pitazz misjuba fuq il-bejt, jinghad li ma hemm xejn x’jindika fir-rizultanzi li dawn kellhom xi *mechanical fit* stabbilita mal-karta/qartas li nstab ghand l-esponent kontenenti sustanza llegali. Ma hemm ebda rabta stabbilita bejn dan il-qartas u l-karti ta’ pitazz misjuba u kwindi dan il-fatt ma jippontax lejn direzzjoni wahda bil-konsegwenza li ma jistax jitqies bhala prova cirkostanzjali idoneja skond il-ligi.

"Riferibbilment ghall-fatt li l-esponent instab mill-pulizija barra l-bieb tar-residenza tieghu, bir-rispett ma jincidi xejn fuq il-fatt allegat li l-esponent kellu d-droga sabiex jispaccaha. Fil-kawza 'Il-Pulizija v. David Robert Matthews u Emanuel Delia' deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, jidher li l-pozizzjoni kienet li l-fatt li l-imputati kienu nstabu bid-droga f'lok ta' divertiment fejn ikun hemm hafna nies ma kienx bizzejjed biex jincidi fuq l-aggravju tal-pussess. F'dan il-kuntest allura jinghad bir-rispett illi l-anqas dan l-element ma ghandu l-kwalita` ta' prova cirkostanzjali idoneja skond il-ligi.

Riferibbilment ghall-ammont tad-droga *per se*, l-esponent umilment jirrileva li anki f'dan ir-rigward l-ewwel Onorabbli Qorti kienet erroneja fl-apprezzament taghha meta kkonkludiet li l-ammont huwa wiehed serju. Filwaqt li kull pussess ta' droga huwa kundannabbli fis-socjeta` taghna u ebda pussess ta' droga ma huwa gustifikabbli, f'din is-sottomissjoni l-esponent ihoss li ghandu jkun xi ftit xjentifiku kif ukoll xi ftit logiku. Ghall-persuna li tikkonsma l-eroina mhux hazin, l-ammont ta' 5.11 grammi ma hux ammont esorbitanti zgur. Apparti wkoll il-konsiderazzjoni li l-purita` kienet ta' 20% - persentagg li huwa aktar indikattiv li d-droga misjuba kienet lesta biex l-esponent jikkonsmaha huwa, milli droga li ghad trid tigi mhallta biex tigi *diluted*. Inoltre l-esponent jirreferi ghas-sentenza moghtija fil-kawza gia` msemmija kif ukoll ghas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet 'Il-Pulizija v. Carmel Spiteri' fejn gie osservat li l-ammont ta' droga (ghalkemm jista' jitqies ghall-finijiet ta' piena jekk ikun konsiderevoli) m'ghandux esklussivament jincidi fuq il-kwistjoni jekk il-pussess kienx aggravat jew le. Bir-rispett ukoll, fil-kaz odjern, l-ammont ta' droga misjub ma kienx tali li a bazi tieghu seta' jigi serenament konkluz li l-esponent kellu l-intenzjoni li jispacca – fid-dawl tal-fatt ukoll li l-esponent kien vizibbilment dipendenti fuq id-droga f'dak iz-zmien.

"Riferibbilment ghall-qratas bi tracci ta' eroina misjuba fil-karozza, l-esponent umilment jirrileva li dawn kienu indikattivi li huwa kien li effettivament ikkonsma l-eroina li kien hemm fihom. Meta jsir spacc, ix-xerrej ma joqghodx

jirritornalek il-qratas. La darba dawn il-qratas vojta izda bi tracci ta’ eroina fihom instabu ghand l-esponent huma prova bizzejjed sal-grad rikjest mil-ligi li d-droga fil-pussess tal-esponent kienet qed tigi kkunsmata minnu.

….

“Illi min-naha tieghu l-esponent, bil-verzjoni tieghu (li hija konsistenti – ara stqarrijiet u d-depozizzjoni tieghu), ixaqqaq, sal-grad tal-probabbli, l-allegazzjoni tal-prosekuzzjoni li huwa kien fil-pussess tal-eroina sabiex jipprokuraha. F’dan il-kuntest ,l-esponent ifakkar illi l-ewwel Onorabbli Qorti akkoljiet it-tezi tieghu li l-flus misjuba kienu ta’ provenjenza lecita – indikazzjoni ohra kuntrarja ghall-allegazzjoni tal-prosekuzzjoni li l-esponent kien fi hsiebu jispacca jew li kien midhla tal-ispaccar tad-droga.”

B’referenza ghall-imwiezen, l-appellant jibda bi premessa zbaljata meta jghid li l-imwiezen ma kinux mohbija. Difatti, mix-xiehda tal-Pulizija li ghamlu t-tfittxija jirrizulta li l-imwiezen kienu fuq il-bejt go katusa mghottija b’*Chinese hat* tal-fuhhar – jigifieri kienu mohbijin. Dwar il-karti ta’ pitazz, ghalkemm ma ngabitx evidenza li kien hemm *mechanical fit* mal-qartas li nstab fil-pussess ta’ l-appellant, mix-xiehda tal-Pulizija dawn kienu “simili”. Imbaghad, filwaqt illi l-appellant jikkummenta separatament dwar dawn l-oggetti, jinsa li l-imwiezen u l-karti nstabu flimkien fil-katusa, u inoltre maghhom kien hemm borza li kienet tikkontjeni hames grammi (5g.) eroina. Jigifieri l-argument ta’ l-appellant li l-imwiezen, ossia wiehed minnhom ghax jghid li l-iehor kien imkisser, kienu jintuzaw biex jizen il-*food supplements* – almenu fic-cirkostanzi li fihom instabu – huwa argument frivolu u irizorju.

L-appellant jipprova jargumenta wkoll li l-fatt li nstab mill-pulizija barra l-bieb tar-residenza tieghu, ma jincidi xejn fuq il-fatt allegat li kellu d-droga sabiex jispaccaha. Dan l-argument seta’ kellu xi fondatezza f’cirkostanzi differenti. L-appellant jghid li l-qartas li gie elevat u t-tnejn li lehaq bela’ kienu ntizi biex jehodhom filghodu. Skond hu ma

nstabx *foil* la fil-karozza tieghu u lanqas fir-residenza tieghu ghax joqghod attent minhabba l-genituri tieghu u anke minhabba t-tfajla tieghu. Issa huwa hareg mid-dar bi tliet pakketti u fil-kontro-ezami jghid li filghodu kien jiehu ghax kien iqum mugugh u kien jiehu tliet pakketti. Mhuwiex verosimili li tqum mugugh u ma tuzax waqt li tkun ghadek id-dar. Barra minn hekk ma jirrizultax li meta gie arrestat kellu bzonn ta’ xi kura.

Kwantu mbaghad ghall-qratas li l-appellant jghid li nstabu fil-karozza tieghu, din il-Qorti tosserva illi mill-provi ma jirrizultax li kienu qratas li nstabu izda boroz li kellhom tracci ta’ eroina fihom. Min juza eroina normalment juza doza li tkun go qartas u mhux go borza.

Rigward il-flus li kellu fuqu l-appellant u li l-ewwel Qorti awtorizzatu li jirriprendi, evidentement l-ewwel Qorti emmnet li l-flus, jew almenu parti sostanzjali minnhom, kien tahomlu missier l-appellant ghall-iskop imsemmi kemm mill-appellant kif ukoll minn missieru. Logikament ukoll, ladarba l-appellant kien ghadu kemm hareg mid-dar fejn kien qieghed taht osservazzjoni, huwa ma kien ikkonsenja droga lil hadd u ghalhekk ma kienx ircieva flus.

Dwar l-ammont ta’ droga, dan ghandu jitqies fid-dawl tac-cirkostanzi kollha li fihom tali droga tkun instabet. Fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Noel Borg** deciz fit-12 ta’ Frar 2009 intqal:

**“Illi kif gie ritenut fl-Appell Kriminali: "Il-Pulizija vs. Marius Magri' [12.5.2005], dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienetx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccata. Il-principju regolatur f’dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f’dan ir-rigward tista’, skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed. (Ara App. Krim. “Il-Pulizija vs. Carmel**

**Degiorgio" [26.8.1998]). Meta l-ammont tad-droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara. Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri" [2.9.1999].)**

**Illi pero` kif gie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar, hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x' inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli. (App. Krim . "Il-Pulizija vs. Brian Caruana" [23.5.2002])."**

L-ammont ta' droga li nstab ghand l-appellant mhuwiex wiehed traskurabbli. Hemm ukoll ammont li l-appellant lehaq bela' hekk kif marru fuqu l-Pulizija. Inoltre l-boroz li kellu fuqu bi tracci originarjament kellhom ammont li pero` mhux maghruf kemm.

Din il-Qorti ma tistax lanqas tittraskura uhud mill-messaggi li rcieva l-appellant fuq il-*mobile* tieghu dakinhar li gie arrestat. Zewg messaggi kienu min-numru 99455834 fejn fl-ewwel messagg jintalab lill-appellant "one big chicken". Zewg messaggi ohra kienu min-numru tal-mobile 99018926 fejn fl-ewwel messagg jinghad lill-appellant "taf li dejjem min andek xtrajtom id dvds jien". Jirrizulta li l-appellant la hu fin-negozju tat-tigieg u lanqas tad-dvds. Mill-banda l-ohra huwa ben maghruf illi meta jkun hemm konversazzjonijiet telefonici jew minn fuq *mobile phones* huwa ferm insolitu li ssir referenza ghal droga, u *deals* jigu tranzatti bl-uzu ta' referenza ghal oggetti ohra.

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet mhuwiex il-kaz li din il-Qorti tiddisturba l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti li kellha wkoll il-vantagg li tisma' x-xhieda *viva voce*. Ghalhekk l-ewwel aggravju huwa michud.

Kwantu ghall-piena, l-appellant jissottometti li jimmerita temperament fil-piena. Jghid li hu rijabilitat fis-socjeta`, li ghandu impjieg u jahdem bhala *supervisor*, u li issa ghandu tifel. Mill-banda l-ohra l-Avukat Generali appella mill-piena ghax iqis li dik inflitta hi baxxa. Skond l-Avukat Generali, l-ammont involut kien wiehed serju. Jirreferi wkoll ghas-sejbien ta' l-imwiezen u karti li juri li dawn kienu jintuzaw biex iqassam l-eroina fi qratas biex tigi traffikata. L-Avukat Generali jghid ukoll li l-appellant ma kkooperax bi shih mal-Pulizija. Jirreferi ghall-piena li setghet tigi nflitta ta' prigunerija bejn sitt xhur u ghaxar snin u jsostni li l-piena ghandha sservi ta' deterrent ghal min jabbuza mid-droga.

In materja ta' piena mhuwiex normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kienet manifestament zbaljata. F'dan il-kaz l-ewwel Qorti ppruvat izzomm bilanc bejn, minn banda l-fatt li jidher li l-appellant kien qabad it-triq it-tajba, u mill-banda l-ohra s-serjeta` tar-reat. Ghalhekk din il-Qorti ma tarax li ghandha ghalfejn tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti ghal dak li jirrigwarda l-*quantum* tal-piena.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad kemm l-appell ta' Ernest Briffa kif ukoll l-appell ta' l-Avukat Generali u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier, b'dan li z-zmien ghall-hlas tal-multa u ta' l-ispejjez jibda jiddekorri millum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------